## IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-11 ta' Marzu 2019**

**Talba Numru 262/2018SFJ**

**Francis Rapa (40660G)**

**vs.**

**Raymond Buhagiar (134256M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' erbat elef u ħames mija u disgħin Ewro u tletin ċenteżmu (€4,590.30) rappreżentanti l-bilanċ dovut in segwitu ta' bejgħ ta' *fork lifter* mill-attur lill-konvenut, fuq inkarigu tal-istess konvenut li debitament interpellat sabiex iħallas, u nonostante kambjali li immaturaw fil-15 ta' Frar 2017, baqa' inadempjenti, bl-ispejjeż kollha.

Ra li l-konvenut kien debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ u ma ippreżenta ebda risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2019, xehed bil-ġurament l-attur Francesco Rapa li ikkonferma li s-somma għadha dovuta.

Ra li l-attur, f'dik l-udjenza, ippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut li permezz tiegħu ried jipprova taħt ġurament li huwa debitur tiegħu fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2019, il-konvenut baqa' ma deherx biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni u biex jikkontesta l-kawża.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u tqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' erbat elef u ħames mija u disgħin Ewro u tletin ċenteżmu (€4,590.30) bl-ispejjeż kollha kif mitlub fl-Avviż tat-Talba.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**